MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 120/2006

Kawza fil-lista: 10

**T Y f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri bintha W Y**
**vs**
**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud**
**kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti R Y; u b' digriet tal-14 ta' Gunju dawn gew estromessi mill-atti peress li l-assenti assuma l-atti personalment**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Ottubru 1998, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla W Y fl-14 ta' Mejju 2001; li l-konvenut assenti, li hu ta'

nazzjonalita’ Sirjana, telaq minn Malta f’ Mejju 2005, u minn dak iz-zmien ma regghex gie lura; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Ligijiet ta Malta; kif ukoll ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna; ghalhekk qed tilob li l-konvenut jghid lil din il-Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri W f’ idejn l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominadi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat ir-rispsota guramentata ulterjuri li biha l-konvenut eccepixxa: li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi esklussivament fuq l-attrici fit-termini ta' l-istess artikoli fuq indikati; li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata lilu; li hu lest li jhallas manteniment ghat-tifla fil-kaz li l-kura u kustodja tigi fdata f' idejn l-attrici, izda l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-attrici tahdem jew kapaci tahdem, u l-mezzi tieghu; li jopponi li jhallas manteniment ghall-attrici, stante li din ddekadiet minn dan id-dritt; li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-krediti li hu ghandu fil-konfront tal-komunjoni; li m' ghandu ebda oggetti dotali jew parafernali ta' l-attrici fil-pussess tieghu;

Rat il-verbal maghmul mill-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2009 fejn iddikjaraw li l-provi mismsugha u migjuba fil-kawza 88/08NC fl-istess ismijiet jitqiesu bhala provi migjuba fil-kawza odjerna;

Rat li d-dar matrimonjali, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, inbieghet fil-mori tal-proceduri, u l-partijiet hadu s-sehem taghhom; u li fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2010 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-vertenza principali biex tigi deciza hija dwar il-kura u kustodja u l-access favur il-missier, kif ukoll il-vertenza tal-manteniment;

Rat ir-rapport tal-Avukat Tat-Tfal Dottor Stephanie Galea;

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat is-sentenza moghtija fil-kawza numru 88/08NC moghtija fit-28 ta' Ottubru 2009 li permezz taghha z-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-partjiet, stante li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment, u l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli, tort unikament tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati. Minn naha tieghu l-konvenut jichad it-tortijiet attribwiti lilu, u jimputahom esklussivament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi peress li z-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null fil-mori ta' dawn il-proceduri, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq it-talba tas-separazzjoni; izda tenut kont li l-materja tal-kura u kustodja tal-minuri, u senjatament l-modalita' ta' l-access favur il-missier ghadha trid tigi deciza minn din il-Qorti, u tenut kont ta' l-ezistenza ta' certu fatti li hargu mill-provi u li ghandhom relevanza qawwija ghad-determinazzjoni ta' din il-vertenza, il-Qorti ser taghti l-kwadru tal-fatti relevanti, li ddelinea ruhu fil-kaz in dizamina.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, allura cittadin Sirjan, meta allura hi kellha 21 sena u l-konvenut kellu 25 sena u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa hames xhur. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fl-14 ta' Mejju 2001. Wara konvivenza matrimonjali turbolenti ta' kwazi seba [7] snin il-partijiet isseparaw de facto.

Jirrizulta pacifiku li, ghalkemm meta ltaqghu l-partijiet kienu ftehemu li jizzewwgu fi zmien sentejn, izda wara hames xhur huma kienu kostretti li jizzewwgu peress li l-konvenut kien diportat minn Malta fejn kien qieghed

illegalment. F’ dawn il-hames xhur l-attrici kienet tiffrekwentah fil-habs.

Wara r-rilaxx tal-konvenut mill-habs, u d-deportazzjoni tieghu, l-attrici telghet l-Egittu sabiex ikunu jistghu jizzewwgu ; u fil-fatt dawn izzewwgu fl-20 ta’ Ottubru 1998 kif fuq indikat. Sussegwentement dawn nizlu Malta fejn bdew il-konvivenza matrimonjali. Inizjalment huma kienu joqghodu go post mikri f’ Birzebbugia, izda sussegwentement huma xtraw dar Birkirkara.

L-attrici tispjega li fl-ewwel sena u nofs tal-konvivenza huma kienu kuntenti ; izda meta harget tqila, bdew il-problemi, fis-sens li zewgha beda jsiefer aktar spiss lejn is-Sirja, u f’ okkazzjoni minnhom dam barra xaharejn u nofs.

Wara t-twelid tat-tifla huwa beda jaghmel pressjoni fuq l-attrici, sabiex jitilghu s-Sirja, izda din kienet konsistentement tirrifjuta li titla’ hemm bit-tifla peress li kellha l-biza’ li jzommilha t-tifla hemm. Konsegwentement ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet hzienet hafna, u l-attrici eventwalment cediet ghall-pressjoni ta’ zewgha u marret mieghu bit-tifla s-Sirja. F’ dan iz-zmien it-tifla kellha circa tlett snin.

L-attrici tghid li, wara ftit taz-zmien li kienu ilhom is-Sirja, il-konvenut beda jerfa’ jdejh fuqha u kien qallha li sakemm iddum f’ pajjizju hija kellha toqghod ghal dak li kien jghid hu. Rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront taghha, hija eventwalment accettat li titlaq mis-Sirja, fejn kienet ilha tlett xhur, u tirritorna Malta bit-tifla, izda l-konvenut kien impediha milli tiehu lit-tifla maghha, u qallha li dina ma kienitx ser tohrog mis-Sirja qabel ma taghlaq 18-il sena. Tghid ukoll, li l-konvenut qallha li l-viza taghha kienet waslet biex tiskadi u li hu ma setghax igeddidha peress li z-zwieg taghhom ma’ kienx registrat fis-Sirja. Ghalhekk hi kellha titlaq mis-Sirja, wara tlett xhur, u tigi lura Malta minghajr it-tifla, bil-hsieb li terga’ tmur lura biex iggib it-tifla.

Eventwalment l-attrici marret is-Sirja, u,ad insaputa tal-konvenut, u bl-ghajnuna ta' persuna ohra, gabet it-tifla lura Malta li sa dak iz-zmien kienet akkwistat il-passaport Malti.

Sussegwentement, wara li ghaddha z-zmien, il-konvenut gie lura Malta sabiex izomm kuntatt dirett ma' bintu.

L-attrici ssemmi wkoll li l-konvenut kellu mara ohra fis-Sirja li huwa kien izzewweg fl-1 ta' Jannar 2001, u pprezentat kopji ta' dokumenti li pero' gew kontestati mill-konvenut.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li meta hu kien il-habs f' Malta « Jiena kont ipproponejtilha li tizzewwigni, u ghidtilha, jekk trid tizzewwigni, jiena kont ippreparat li nizzewweg u nigi Malta. »[1] Fil-fatt hekk sar, u l-partijiet gew Malta biex jabitaw hawnhekk.

Eventwalment fis-sena 2005 huwa kien hajjarha sabiex titla' s-Sirja sabiex tiltaqa' mal-familja tieghu, u l-attrici kienet accettat li titla' bit-tifla, izda « mhux li nohodha hemmhekk ghal kollox. »[2] Wara tlett xhur l-attrici riedet tinzel Malta bit-tifla, izda hu kien irrifjuta li jhalli lit-tifla titlaq sakemm taghlaq it-18-il sena. Jghid li hu ried li t-tifla « Tibqa' s-Sirja biex titghallem bl-Gharbi taqra u tikteb, ghax dik it-tifla ghandi.. »[3] Huwa ried li t-tifla titrabba s-Sirja. Sussegwentement l-attrici nizlet Malta minghajr it-tifla taghha izda, wara xi zmien regghet telghet, u nonostante l-oggezzjoni tieghu, hija hadet it-tifla lura maghha bl-ghajnuna ta' terza persuna.

Il-konvenut jghid li meta gie lura Malta, huwa ra li l-attrici kienet qeda tohrog ma' ragel iehor.

**Kura u Kustodja**

Illi fl-istadju tal-medjazzjoni l-attrici kienet inghatat il-kura u kustodja provvizorja tat-tifla, b' access regolat u kontrollat favur il-konvenut. Mill-process jirrizulta li l-access qed isir

[1] Fol.52
[2] Fol.54
[3] Fol.56

Bay Street, u qed jigi ezercitat fil-prezenza ta’ l-attrici, kull nhar ta’ Erbgha, Gimgha u nhar ta’ Hadd, erbgha sieghat kull darba, ghalkemm il-konvenut jghid li l-access idum bejn siegha jew saghtejn kull darba.

Illi, ghalkemm il-konvenut qed jitlob li jinghata l-kura u kustodja tal-minuri, jidher pero, anke wara li gie prezentat ir-rapport tal-Avukat Tat-Tfal li l-vertenza bejn il-partjiet mhijiex daqstant il-kwistjoni tal-kura u kustodja, izda l-fatt li l-access isir dejjem bil-prezenza ta’ l-omm fl-inhawi. Fid-depozizzjoni tieghu tat-12 ta’ Jannar 2011 huwa jghid li «Jien naqbel li t-tifla tghix m’ ommha »[4] pero’ « nixtieq li t-tifla naraha wahdi, u ma jkunx hemm ommha, ghax meta tkun T maghha ma nkunux nistghu mmorru postijiet differenti. Ahna waqt l-access dejjem Baystreet, daqqa’ tas-sliema, pero’ ma niccaqlaqx minhabba T. »[5]

In propozitu l-Qorti hi tal-fehema li ghandu jirrizulta car li huwa fl-interess tat-tifla li dina tibqa’ fil-kura u kustodja esklussiva ta’ ommha, tenut kont ukoll, li din hija x-xewqa tal-minuri kif jirrizulta mir-rapport tal-Avukat Tat-Tfal.

Illi rigward it-talba tal-konvenut sabiex dana jara lit-tifla wahdu minghajr il-prezenza ta’ l-omm fl-inhawi, il-Qorti tosserva li dak li gara fil-passat, u cioe’ meta l-konvenut ried li jzomm it-tifla s-Sirja sakemm din ikollha 18-il sena biex titrabba hemmhekk, kontra l-volonta’ ta’ l-attrici, idghajjef serjament din il-pretensjoni tal-konvenut, u l-Qorti hija ferma fil-fehema taghha li huwa necessarju fic-cirkostanzi, fl-interess tat-tifla, li matul l-access jibqa’ jkun hemm fl-inhawi l-attrici. Dan huwa wkoll konformi max-xewqa tat-tifla kif espressa fl-imsemmi rapport.

Mill-banda l-ohra pero’ il-post ta’ l-access m’ ghandhux ikun necessarjament u bil-fors dejjem Bay Street, izda l-post ghandu jvarja <u>skond ix-xewqa tal-minuri</u>. L-access ghandu jibqa’ kif qed jigi ezercitat illum, salv li l-granet matul il-gimgha u l-hinijiet ghandhom ivarjaw skond l-impenji u l-ezigenzi tat-tifla, basta jkunu darbtejn matul il-

[4] Fol.221
[5] Fol.219

gimgha, saghtejn kull darba, u darba s-Sibt/Hadd, b' mod alternat, erba' sieghat kull darba.

**Manteniment**
Illi l-konvenut jghid li huwa lest li jhllas manteniment ghat-tifla, ghalkemm jghid li jaqla' madwar €200 fix-xahar « ghax jien mhux dejjem Malta noqghod, ghaxart-ijiem jew gimghatejn. »[6] Il-Qorti hija tal-fehema li, tenut kont li l-konvenut ghandu s-sengha ta' tile layer, u tenut kont tal-fatt li l-obbligu tal-genitur huwa wiehed assolut fis-sens li ma jiddependix biss fuq l-intorjtu attwali tieghu, il-Qorti qed tiffissa r-retta alimentarja li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri fl-ammont ta' mija u sbatax-il ewro [€117] fix-xahar ; oltre nofs l-ispejjez medici u edukattivi kontra l-prezentata tad-debiti fatturi jew ricevuti. Dan il-manteniment ghandu jinghata lill-attrici fl-ewwel ta' kull xahar, u ghandu jghola kull sena skond l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja.

Illi fil-komputazzjoni ta' l-imsemmija retta alimentarja l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-attrici ghandha l-oneru tat-trobbija tat-tifla, izda wkoll tal-fatt li l-attrici ghadha zghira u ma jirrizultax li ghandha xi kondizzjoni medika li timpediha milli ssib xoghol u tiggenera ntrojtu biex tikkontribwixxi hi wkoll finanzjarjament ghat-tobbija tat-tifla, illum li t-tifla tmur l-iskola u ghandha eta' [hdax-il sena] li taghtiha grad ta' indipendenza, u ghalhekk taghti lill-attrici aktar opportunita' li ssib xoghol.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi ma jidhirx li hemm assi tal-komunjoni, hlief ghal zewg vetturi li l-attrici tghid kienu fil-pussess tal-konvenut ; u fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-effetti mobbli li l-partijiet ghandhom fil-pussess taghhom, qed jigu assenjati lilhom.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri ;

---
6 Fol.220

[2] tilqa’ t-tieni talba, bid-dritt ta’ access favur il-konvenut kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’ ;
[3] tilqa’ t-tielet talba, limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’ ; filwaqt li tichadha ghall-kumplament, in kwantu ghall-manteniment ghall-attici ;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri ;
[5] tilqa’ il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq indikat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti] ;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li hi superfluwa ;
[7] tichad is-seba talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward ;
[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba, stante li hi superfluwa ;

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------